# ARTIKLU

Mis-Sur Mario Fenech



## IL-GĦARGĦUR KIF NARAH JIEN

Jien ili midħla tar-raħal ta' Ħal-Għargħur għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Matul dawn is-snin rajt tibdiliet kbar iseħħu f'dan ir-raħal li għal ħafna huwa wieħed mill-isbaħ li għandna fil-gżejjer Maltin, kif ukoll bħala raħal li jgħaddi kemm jgħaddi żmien minn fuqu xorta waħda baqa' jżomm l-identità tiegħu.

Niftakar li l-ewwel żjarat spissi tiegħi f'dan ir-raħal kienu jkunu waqt il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa biex nara l-purċissjoni u aktar tard bil-parteċipazzjoni tiegħi fil-purċissjoni ta' nhar Ħadd il-Palm, peress li jien wieħed mir-reffiegħa regolari ta' l-istatwa tad-Duluri.

Kien żmien meta l-purċissjoni kienet waħda sempliċi b'sett ta' statwi minn dawk li kif ngħidu aħna jgħaddu, u ftit persunaġġi. Maż-żmien bdew jiżdiedu l-parteċipanti peress li dawk li jieħdu sehem fil-Pageant tal-Passjoni kienu bdew ukoll jieħdu sehem fil-purċissjoni. Twaqqaf Kumitat biex jorganizza b'mod aħjar il-purċissjoni u bdejna naraw kull sena opri ġodda, statwi mibdula m'oħrajn isbaħ, bandalori ġodda, ġie ndurat il-Monument, u aktar nies bdew jattendu għal din il-Purċissjoni li issa saret popolari daqs oħrajn li jsiru f'lokalitajiet oħrajn.

Dan il-progress ma ġiex mix-xejn. Kien hemm ukoll il-ħeġġa li tqanqlet minn dawk li xtaqu jaraw il-Każin San Bartilmew jagħti aktar sehem attiv fil-ħajja regolari ta' dan ir-raħal. Il-bżonn ta' każin ġdid wassal biex fi żmien qasir titwessa l-pjazza ta' maġenb il-knisja, u jiġi mibni l-każin il-ġdid li kompla sebbaħ ix-xena li wieħed jara quddiem għajnejh meta jkun qiegħed iħares lejn il-faċċata tal-knisja u l-ftuħ li hemm mal-ġnub tagħha. Dan il-każin ġab miegħu xi ħaġa li n-nies tal-lokal kienu tant mixtieqa għaliha, il-Banda tar-raħal. Banda li kif kien xieraq issemmiet għal Padrun tar-raħal San Bartilmew.

Kont wieħed minn dawk li mill-ftit li stajt offrejt l-għajnuna tiegħi fid-dekorazzjoni tal-faċċata ta' dan il-każin waqt il-jiem tal-festa. Aktar tard imbagħad dan ix-xogħol ta' dekorazzjoni sar b'mod permanenti biex ikun jista' jintuża matul is-sena kollha.

Il-Banda bdiet tagħti s-sehem tagħha fil-festi kollha li jsiru matul is-sena, fil-Milied, fil-Ġimgħa Mqaddsa, fil-festa ta' San Bartilmew u f'okkażjonijiet oħrajn importanti.

Mela b'dan kollu issa r-raħal ta' Ħal-Għargħur fil-preżent għandu l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, ta' l-Għid il-Kbir u ta' San Bartilmew bħal dawk li naraw f'irħula oħrajn. Biex dan iċ-ċirku ta' organizzazzjoni ikun aktar komplet ġie organizzat b'mod aħjar il-grupp li jaħdem il-logħob tan-nar. Issa kulħadd jaf kemm jinħadem nar ta' kwalità għall-festa ta' San Bartilmew. In-nies li jiġu bi ħgarhom fir-raħal lejliet u nhar il-festa huma ċertifikat tax-xogħol sabiħ li jinħadem minn dawn id-dilettanti.

Il-Grupp ta' l-Armar ta' barra ma qgħadx lura mix-xogħol tiegħu biex jarma b'mod aħjar it-toroq tal-parroċċa waqt il-jiem tal-festa. Naħseb li ħafna minnkom li qegħdin taqraw dan l-artiklu tiftakru l-ftit armar li kien jintrama mad-dawra tal-pjazza sa ftit tas-snin ilu.

Tant kemm żdied ix-xogħol li issa ġie mibni maħżen akbar biex fih jintrefa dan l-armar il-ġdid li qiegħed jiżdied kull sena.

Il-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu fiha kultant tkaxkar magħha l-użanzi tagħna il-mod kif inqattgħu il-ħin liberu tagħna, u fuq kollox twarrbilna l-identità tagħna. Identità ta' poplu bieżel u li lest li jmidd idejh għax-xogħol. Il-poplu ta' Ħal Għargħur jidher ma' ħalliex dan il-fenomenu jkaxkru miegħu, dan għaliex dejjem narawh lest biex jipparteċipa f'dawk l-attivitajiet li jiġu organizzati. Waqt il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa jiġu mtella wirjiet ta' livell għoli fis-Sede tas-Soċjetà Mużikali San Bartilmew, il-Pageant issa daħal fil-kalendarju ta' l-attivitajiet li jsiru waqt dawn il-jiem, l-għajnuna fix-xogħol tal-festa hija waħda tajba wkoll.

Dan kollu wieħed irid iżomm f'moħħu l-fatt li ħafna nies minn barra r-raħal issa saru residenti ġodda f'Ħal Għargħur. Nies li forsi għandhom kultura xi ftit differenti, u li l-użanzi tagħhom ma humiex bħal dawn li naraw fir-raħal. Iżda b'xorti tajba l-Għaragħurin huma nies b'identità soda u dak li huwa tagħhom jibżgħu għalih u jikkonservawh għal dawk ta' warajhom.

Forsi għalhekk dan ir-raħal huwa tant għall-qalb in-nies. Forsi għalhekk nies bħali li ġejjin minn lokalitajiet storbjużi, u kummerċjalizzati jħossu din il-ġibda lejn dan ir-raħal tant sabiħ, arjuż u mimli b'nies li lesti li jilqgħuk b'tant simpatija. B'dan kollu f'moħħi nawgura l-FESTA T-

TAJBA LIL KULĦADD.

Dehra tar-raħal tal-Għargħur

